**134. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Billi skont l-artikolu 8 tal-Att tal-1982 li jirregola t-Trasferiment ta' Immobili dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru, 1983 u mbagħad jintemm; iżda jekk fiż-żmien li dak l-Att ikun fis-seħħ il-Kamra tad-Deputati tgħaddi Riżoluzzjoni illi dak l-Att jibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sena oħra, jew għal żmenijiet iqsar kif speċifikat fir-Riżoluzzjoni, miż-żmien li xort'oħra jtemm, dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien ieħor;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-imsemmi Att ikompli fis-seħħ għal żmien ta' sena oħra sal-31 ta' Diċembru, 1984.

15.12.1983